

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-21 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – EuroChem Agro Hungary Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-583/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 273 – Ġlieda kontra l-frodi – Obbligu ta' dikjarazzjoni dwar it-trasport ta' merkanzija – Sistema elettronika ta' kontroll tat-trasport tal-merkanzija bit-triq – Sistema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-kontribwenti f'riskju – Proporzjonalità)

(2022/C 64/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kúria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: EuroChem Agro Hungary Kft.

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Dispożittiv

L-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u l-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq persuna taxxabbli kklassifikata bħala "kontribwent friskju", fis-sens tad-dritt nazzjonali, multa intiża li tissanzjona irregolaritajiet imwettqa f'dikjarazzjonijiet ta' kunsinna ta' merkanzija, li l-ammont tagħha ma jista' fl-ebda każ ikun inferjuri għal 30 % ta' 40 % tal-valur tal-merkanzija.

⁽¹⁾ ĠU C 28, 25.1.2021.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-22 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca do Porto Este – Penafiel – Juízo Trabalho – il-Portugall) – B vs O, P, OP, G, N

(Kawża C-691/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Artikolu 18 TFUE – Ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità – Projbizzjoni – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Responsabbiltà in solidum, bejn il-kumpanniji li jagħmlu parti minn grupp, għad-dejn li jirriżulta minn kuntratt ta' impjeg konkluż minn waħda minn dawn il-kumpanniji – Esklużjoni mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tal-kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor)

(2022/C 64/04)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca do Porto Este – Penafiel – Juízo Trabalho

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: B

Konvenuti: O, P, OP, G, N

Dispożittiv

Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, implimentat mill-Artikolu 49 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha kumpannija, stabbilita fi Stat Membru minbarra dak li fih hija stabbilita l-kumpannija li tikkontrollaha, ma tistax titqies responsabbli in solidum għal dejn ta' din l-aħħar kumpannija li jirriżulta minn kuntratt ta' impjeg.

(¹) ĠU C 110, 29.3.2021.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Cluj – ir-Rumanija) – NSV, NM vs BT

(Kawża C-87/21) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(2) – Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu liġijiet u regolament imperattivi – Kuntratti ta' self f'munita barranija – Klawżoli dwar ir-riskju tas-suq tal-munita barranin li jinkludu dispożizzjoni supplettiva tad-dritt nazzjonali – Ksur allegat tal-obbligu ta' informazzjoni li jaqa' fuq l-istituzzjoni bankarja li ssellef – Rekwiżit ta' bona fide – Eżami mill-qorti nazzjonali li għandu jsir bi prijorità fir-rigward tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13)

(2022/C 64/05)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NSV, NM

Konvenut: BT

Dispożittiv

L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola inkluża f'kuntratt ta' self f'munita barranija konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur, li tirrifletti dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplettiva, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, anki jekk:

- din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma kinitx is-suġġett ta' evalwazzjoni mil-leġiżlatur nazzjonali, bil-għan li jiġi stabbilit bilanċ bejn l-interessi tal-konsumatur u tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, fil-kuntest speċifiku ta' kuntratti ta' self bankarju konklużi mal-konsumaturi;
- il-bejjiegħ jew il-fornitur ikun inkluda din il-klawżola fil-kuntratt ikkonċernat mingħajr ma wettaq l-obbligu tiegħu ta' informazzjoni u ta' trasparenza;
- hemm indikazzjonijiet li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-bejjiegħ jew il-fornitur ikkonċernat inkluda l-imsemmija klawżola f'dan il-kuntratt billi aġixxa b'mala fide, peress li dan il-bejjiegħ jew il-fornitur ma setgħax ma jkunx jaf li l-applikazzjoni tal-istess klawżola setgħat toħloq, għad-detriment tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għall-imsemmi kuntratt.

(¹) ĠU C 206, 31.5.2021.